**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 10 ta' Lulju, 2023**

**Rikors Numru 24/2022**

**Anita Biro**

**Vs**

1. **Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol**
2. **L-Awtorita` għat-Trasport f'Malta**

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Anita Biro** ippreżentat fis-17 ta' Marzu 2022, li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

*Illi dan ir-rikors qed jiġi ntavolat wara deċiżjoni li ttieħdet mill-Ministeru tal-Finanzi fil-25 ta' Frar 2022 ai termini tal-Kap. 368 u Kap. 368.01 tal-Liġijiet ta' Malta, partikolarment ai termini tar-Regoli dwar l-eżenzjoni mit-Taxxa ta' Reġistrazzjoni fuq karozzi bil-mutur, ossija l-karozza proprjetà tal-esponenti, meta jsir trasferiment ta' residenza.*

*Illi l-esponenti trasferiet ir-residenza normali tagħha, u ċioe' ġiet tirrisjedi hawn Malta, fil-bidu tas-sena 2021. Hija kienet applikat għall-exemption order in kwistjoni sabiex tiġi eżentata milli tħallas it-taxxa ta' reġistrazzjoni fuq il-karozza (tal-għamla Honda Civic Hybrid bin-number plate BBZV925) (vide Dok A) tagħha għall-użu personali tagħha u din l-applikazzjoni ġiet irrifjutata għall-ebda raġuni valida skond il-Liġi, kif ser jiġi spjegat b'mod dettaljat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

I. *<u>L-ewwel Applikazzjoni</u>*
*Illi l-karozza tal-esponenti wasslet Malta fid-29 ta' Mejju tas-sena 2021 u fit-8 ta' Ġunju tas-sena 2021, minflok marret l-esponenti sabiex tapplika għall-eżenzjoni mal-Awtorità, mar ir-raġel tagħha, u ċioe' s-Sinjur Zoltan Biro (vide ċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn Anness u mmarkat bħala Dok B). Illi s-Sinjur Biro, qabel ma applika*

*mal-Awtorità kif imsemmi, ikkonferma personalment mal-istess Awtorità illi l-applikazzjoni u d-dokumenti annessi magħha jissodisfaw il-kriterji kollha sabiex tingħata l-eżenzjoni.*

*Illi l-Awtorità ntimata ħadet konjizzjoni ta' din l-applikazzjoni fit-8 ta' Ġunju tas-sena 2021 (vide l-anness Dok C). Illi fl-istess Dok C, l-Awtorità nfurmat lir-raġel tal-esponenti illi l-Ministeru tal-Finanzi kien ser jikkuntattjah malli l-applikazzjoni tiġi approvata jew jekk jinqala' xi kwistjoni dwar l-istess. Illi peress li rat id-dokumenti kollha ppreżentati flimkien mal-applikazzjoni l-Awtorità ntimata ikkonsentiet illi l-applikazzjoni kienet fil-ġeneralità tagħha tajba.*

*II.* *<u>It-Tieni Applikazzjoni</u>*

*Illi fit-23 ta' Ġunju ċertu Mr Michael Zammit Munro bgħat email lil Mr Zolton Biro sabiex jinfurmah li ma jistgħux jaċċettaw l-applikazzjoni peress illi l-karozza qiegħda rreġistrata f'isem martu, l-espoenenti, u li għalhekk trid tiffirma l-applikazzjoni hi (vide Dok D). Dan seħħ biss tnax-il ġurnata wara li kienet diġa ddaħlet l-applikazzjoni u wara li l-kontenut kollu tagħha ġie kkonfermat mar-rappreżentanti tal-Awtorità.*

*Illi għaldaqstant is-Sinjur Biro cempell lill-Awtorità u wara li infurmahom dwar is-sitwazzjoni, huma qalulu li kull ma kellha tagħmel l-esponenti kien li tinżel sa l-uffiċji tal-Awtorità sabiex tiffirma applikazzjoni ġdida f'isimha stess. Ġie infurmat ukoll li peress li diġa' saret applikazzjoni dwar il-karozza kienu ser jintużaw l-istess dokumenti annessi mal-ewwel applikazzjoni. L-esponenti għamlet dan fuq l-istruzzjonijiet tal-Awtorità u l-Ministeru tal-Finanzi fit-28 ta' Lulju tas-sena 2021 (vide Dok E) wara li l-karozza in kwistjoni ġiet uffiċjalment impurtata mill-Customs fit-13 ta' Lulju tas-sena 2021 (video Dok F).*

*III.* *<u>L-Applikazzjoni u d-dokumenti annessi magħha jintbgħatu tard mir-rappreżentanti ta' Transport Malta</u>*

*Illi wara t-tieni sottomissjoni tal-applikazzjoni, beda jgħaddi ż-żmien u kemm l-esponenti u kemm ir-raġel tagħha baqgħu ma semgħu xejn dwarha. Għalhekk Mr Keith Sultana, kollega ta' Zoltan Biro mar Transport Malta sabiex jara jistax jingħata xi informazzjoni dwar l-applikazzjoni. Meta għamel dan, rappreżentanta ta' Transport Malta infurmatu li nsiet tibgħat id-dokumenti lill-Ministeru tal-Finanzi u li kienet ser tagħmlu dik il-ġurnata stess u ċioe' fis-26 ta' Awwissu, 2021 (Dok G).*

*IV.* *<u>Kommunikazzjoni Kontinwa mal-Ministeru tal-Finanzi għal iktar minn ħames (5) xhur</u>*

*Illi inoltre, kull darba li l-esponenti jew ir-raġel tagħha jew rappreżentanti oħra tagħhom tkellmy ma' rappreżentanti ta' Ministeru jew ma' Transport Malta, qatt ma ġiet imsemmija l-kwistjoni ta' allegata tardivita' tal-applikazzjoni, u nonostante dan l-applikazzjoni ġiet irrifjutata fuq il-bażi ta' tardivita' (vide l-anness Dok H). Illi inoltre saru numru ta' komunikazzjonijiet elettroniċi bejn il-partijiet fejn ir-rappreżentanti tal-Ministeru infurmaw lill-esponenti u/jew ir-rappreżentanti tagħha li jekk l-applikazzjoni ma tiġix aċċettata tkun minħabba fil-logbook li fl-aħħar irriżulta mhux problematiku. It-tardivita' allegata fis-surreferit Dok H qatt ma ssemmiet f'iktar minn ħames (5) xhur ta' komunikazzjonijiet elettroniċi.*

*Illi l-esponenti ħasset ruħha aggravata b'din id-deċiżjoni.*

*Illi sabiex persuna jew aħjar vettura tikkwalifika skond dan l-artikolu, il-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 4 tal-Kap. 368.01, li huma s-segwenti jridu jiġu sodisfatti:*

*(a) Hija trid tkun ilha reġistrata f'isem l-individwu li jkun qiegħed jttrasferixxi r-residenza normali tiegħu għall-perjodu ta' mhux inqas minn erbgħa u għoxrin xahar (24) minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tiegħu għal Malta u tkun għadha hekk reġistrata meta l-vettura tiġi impurtata jew miġjuba f'Malta;*

*(b) Hija tkun ġiet akkwistata taħt il-kondizzjonijeit ġenerali tat-tassazzjoni li jkunu fis-seħħ fis-suq domestiku tal-Istat li minnu tkun qiegħda tiġi mpurtata jew migjuba f'Malta, u ma tkunx soġġetta għall-fatt li tkun ser tiġi esportata għal xi eżenzjoni minn jew rifużjoni ta' dazju tas-sisa, taxxa ta' valur miżjud jew taxxa oħra tal-konsum.*

*(c) Il-persuna li tkun qiegħda tapplika għall-eżenzjoni trid tkun ilha tgħix barra minn Malta għall-perjodu kontinwu ta' għallinqas erbgħa u għoxrin xahar minnufih qabel id-data li fiha hija ma tibqax ikollha r-residenza normali tagħha barra minn Malta;*

*(d) L-applikazzjoni biex il-vettura tiġi eżentata ssir mhux aktar kmieni minn xahrejn qabel id-data li fiha l-applikant jieħu r-residenza normali tiegħu f'Malta u mhux aktar tard minn tnax-il xahar wara dik id-data;*

*(e) Meta l-persuna tkun ittrasferiet ir-residenza tagħha lejn Malta u l-vettura tkun diġa' waslet Malta, l-applikazzjoni għall-eżenzjoni għandha ssir fi żmien tletin ġurnata mid-data li fiha dik il-ġersuna tkun ittrasferiet ir-residenza tagħha f'Malta; u*

*(f) Meta l-persuna tkun ittrasferiet ir-residenza tagħha lejn Malta u l-vettura tkun għadha ma waslitx Malta, l-applikazzjoni għall-eżenzjoni għandha ssir fi żmien tletin ġurnata minn meta l-vettura tasal Malta.*

*Illi l-esponenti, kuntrarjament għal dak li ntqal fl-ittra mmarkata Dok H, issodisfat dawn il-kundizzjonijiet kollha kemm huma u dana kif ser joħroġ ċar waqt li l-kawża tkun qed tiġi trattata.*

*Illi l-unika raġuni għaliex l-esponenti ma ssotomettietx l-applikazzjoni l-ewwel darba f'isimha kien unikament it-tort ta' l-Awtorità ta' Transport f'Malta għaliex Transport Malta ma nfurmathiex jew lir-raġel tagħha dwar dan meta daru l-applikazzjoni mar-rappreżentanti tal-Awtorità qabel ma ssotomettewha.*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, nonostante dan, wieħed għandu jifhem ukoll li l-persuna li ppreżentat l-ewwel applikazzjoni kienet ir-raġel tal-esponenti u mhux xi terza persuna li ma tiġix minnha. Illi l-atti ġudizzjarji huma regolati mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 789 tal-Kap. 12. In materja ta' nullita tal-att ġudizzjarju, l-insenjament l-aktar riċenti tal-qrati jimxu fuq interpretazzjoni restrittiva ta' din l-eċċezzjoni bil-għan li l-atti kemm jista' jkun jiġu salvati u mhux annullati minħabba formaliżmu żejjed. Allavolja l-applikazzjoni in kwistjoni ma hijiex at ġudizzjarju l-istess għandu jingħad għall-interpretazzjoni tal-kundizzjonijiet*

*elenkati fl-Artikolu 4 tal-Kap. 368.01. applikazzjoni ma għandhiex tiġi annullata minħabba formaliżmu żejjed.*

*Illi, di piu', malli rċevew il-komunikazzjoni (vide surreferit Dok D) l-esponenti marret fil-pront sabiex tippreżenta l-applikazzjoni f'isimha bl-istess dokumenti annessi ma' l-ewwel applikazzjoni. Illi anka li kieku wieħed kellu jopponi għall-fatt li r-raġel tagħha applika minfloka fl-ewwel applikazzjoni, liu m' għandux ikun il-każ għar-raġunijiet surreferit, it-tieni applikazzjoni xorta ġiet ippreżentata fil-ħin peress li għall-finijiet tal-Customs Department il-karozza waslet uffiċjalment Malta fit-13 ta' Lulju, 2021 (vide surreferit Dok F).*
*Illi bħalma ingħad hawn fuq kienu r-rappreżentanti ta' Transport Malta li nsew jibgħatu t-tieni applikazzjoni u d-dokumenti annessi magħha lill-Ministeru tal-Finanzi (vide surreferit Dok G)*

*Ill inoltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost, wieħed irid ukoll jieħu in konsiderazzjoni l-fatt illi dan kollu seħħ waqt iż-żmien meta l-COVID kien qed jirralenta u jikkumplika l-proċeduri u komunikazzjonijiet kollha kienu qed iseħħu.*

*Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti qed titlob bir-rispett lil dana l-Onorabbli Tribunal jogħġbu:*
1. *Jiddikkjara illi l-karozza proprjetà tal-esponenti hija eżenta mit-taxxa ta' reġistrazzjoni au termini tal-Kap. 368, b'mod partikolari Kap. 368.01 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement jirrevoka d-deċiżjoni li ttieħdet mill-Ministeru ntimat fis-27 ta' Marzu, 2013.*

2. *Jordna l-eżenzjoni mit-taxxa ta' reġistrazzjoni tal-istess karozza mertu tal-kawża u konsegwentement jordna illi kwalunkwe spejjeż li tħallsu mill-esponenti lill-intimati jew minn minnhom, ai termini tal-artikoli 4(9)(b), 4(10) u 4(13) tal-Kap. 368.01 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġu rifużi lura lill-esponenti;*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` għat-Trasport f'Malta** ippreżentata fl-24 ta' Marzu 2023 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

1. *Illi l-Awtorita' rispondenti mhijiex il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju u bl-ispejjez u dan peress illi d-deċiżjoni appellata giet meħuda mill-Ministeru ghall-Finanzi u x-Xoghol u mhux mill-Awtorita' rispondenti. Ghaldaqstant l-Awtorita' rispondenti ghandha tigi liberata ab observantia bl-ispejjez kontra r-rikorrenti u dan anke fuq l-iskorta ta' gurisprudenza pacifika ta' dan l-Onorabbli Tribunal fosthom, inter alia, is-sentenzi fl-ismijiet 'Lorenzo Casu –vs- Chairman – Transfer of Residence Exemption Board et' (Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva deciza fit-2 ta' Dicembru, 2016); 'Balbinder Malki Twana –vs- Awtorita' ghat-Trasport f'Malta et' (Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva deciza fit-18 ta' Mejju, 2015) u 'Claudia Carmicio –vs- Ministeru tal-Finanzi et' (Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva deciza fil-11 t'Ottubru, 2016).*

2. *Illi sussidjarjament u assolutament bla ebda preġudizzju għall-premess l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet tar-rikorrent kontra l-Awtorita' esponenti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt.*

3. *Illi sussidjarjament u bla preġudizzju għall-premess it-talbiet rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjez u dan peress illi d-deċiżjoni in kwistjoni hija legali, ġusta u għandha tiġi kkonfermata.*

4. *Illi f'kull kaz l-Awtorita' rispondenti m'ghandhiex tigi akkollata bl-ispejjez ta' din il-procedura.*

Ra r-risposta tad-**Direttur Ġenerali tal-Ministru tal-Finanzi u x-Xogħol (Recte Ministru Għall-Finanzi u x-Xogħol)** ippreżentata fit-28 ta' Marzu 2023 li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:-

1. *Illi qabel xejn u in linea preliminari ma teżisti l-ebda kariga vaga bl-isem 'Direttur Ġenerali tal-Ministeru tal-Finanzi u x-Xogħol', u għalhekk jixraq li l-appellant jitlob li jsiru t-tiswijiet meħtieġa fl-okkju u dan sabiex jindika sew lil min qed iħarrek f'dawn il-proċeduri. F'dan is-sens, jiġi ċċarat li fil-Ministeru tal-Finanzi u x-Xogħol hemm xejn anqas minn tmin Diretturi Ġenerali li huma s-segwenti: (i) Direttur Ġenerali (Budget Affairs), (ii) Direttur Ġenerali (Strategy and Support Services), (iii) Direttur Ġenerali (Economic Policy Department), (iv) Direttur Ġenerali (Dipartiment tal-Kuntratti), (v) Direttur Ġenerali (Operations), (vi) Direttur Ġenerali (Legal and International), (vii) Direttur Ġenerali (Compliance and Investigation), u (viii) Direttur Ġenerali (Dwana);*

2. *Illi f'kull każ, l-ebda wieħed mid-Diretturi Ġenerali imsemmija fl-ewwel eċċezzjoni ma ħadu l-ebda deċiżjoni fir-rigward tal-applikazzjoni mertu ta' dan l-appell u b'hekk f'każ li l-appellanti sejra tinsisti li għandha tħarrek lil xi wieħed mid-Diretturi Ġenerali fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol, tali Direttur Ġenerali għandu jiġi meħlus mill-osservanza tal-ġudizzju u dan bl-ispejjeż kontra l-istess appellanti;*

3. *Illi fil-mertu, l-appell tal-appellanti huwa bir-rispett infondat kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan għar-raġunijiet li ser ikunu mogħtija f'din ir-risposta;*

4. *Illi fl-ewwel lok, l-appellanti ma tistax tuża dan l-appell sabiex tressaq xi aggravju fir-rigward tal-ipproċessar tal-**ewwel applikazzjoni**[1] li ġiet ippreżentata minn żewġha Zoltan Biro fit-8 ta' Ġunju 2021 (minn hawn il-quddiem imsejħa bħala 'l-Ewwel Applikazzjoni'). Apparti mill-fatt li Zoltan Biro mhuwiex parti minn dan l-appell u l-appellanti ma kinitx l-applikanta fir-rigward tal-ewwel applikazzjoni, minn qari meqjus ta' **Regolamenti 4(11) u 4(7) tar-Regolamenti dwar l-Eżenzjoni mit-Taxxa ta' Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (L.S. 368.01)**, jirriżulta li appell bħal dan jista' jsir biss fir-rigward ta' xi deċiżjoni finali tal-Bord dwar l-Eżenzjoni mit-Taxxa ta' Reġistrazzjoni (minn hawn il-quddiem imsejjaħ bħala l-'Bord') li tiġi ppublikata fuq il-website tal-Ministeru responsabbli għall-finanzi. Minn kif ser ikun qed jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, kien żwieġ l-appellanti li volontarjament iritira l-ewwel applikazzjoni u b'hekk il-Bord kien sprovist milli jieħu deċiżjoni finali fir-rigward tat-tali applikazzjoni. Ġialadarba ma kien hemm l-ebda 'deċiżjoni' tal-Bord fit-termini ta' **Regolament 4(7) tal-L.S. 368.01**, jsegwi li l-ewwel applikazzjoni ma tistax tiġi mistħarrġa permezz ta' appell fit-termini ta'*

[1] Kopja tal-ewwel applikazzjoni qed tiġi annessa u mmarkata bħala '***Dokument MFE1'***;

*__Regolament 4(11) tal-L.S. 368.01__, u b'hekk dan it-Tribunal ma jgawdix mill-__kompentenza ratione materiae__ sabiex jisma' kwalunkwe lment li huwa marbut mal-ewwel applikazzjoni.*

5. *Marbut sfiq mal-eċċezzjoni ta' qabel din, l-ewwel applikazzjoni ġiet preżentata mir-raġel tal-appellanti li mhuwiex parti minn dan l-appell, u b'hekk tħares minn kul fejn tħares, kwalunkwe ilment marbut mal-ewwel applikazzjoni ma jistax jiġi mistħareġ;*

6. *Bla ħsara għall-eċċezzjoni ta' qabel din, minn qari kontestwali ta' __Regolamenti 4(3)(a)__ u __4(6)(b)__ tal-__L.S. 368.01,__ huwa ċar li applikazzjoni għall-eżenzjoni in mertu għandha ssir biss fl-isem tal-persuna li f'isimha tkun irreġistrata l-vettura mertu tal-applikazzjoni. Peress li f'korrispondenza bil-miktub, ir-raġel tal-appellanti stqarr li "The car was never registered in my name. It was always registered in my wife's name", il-Bord ma seta' qatt legalment japprova l-ewwel applikazzjoni u dan b'kuntrarju ta' dak pretiż mill-appellanti. Terġa' u tgħid li f'dan il-każ, il-Bord, ma qabadx u ħareġ deċiżjoni ta' rifjut, hekk kif kellu kull dritt li jagħmel, iżda b'sens ta' kortesija u b'ħarsien tal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba dderieġa lir-raġel tal-appellanti sabiex l-applikazzjoni ssir f'isem is-sid reġistrat tal-vettura. (ara f'dan is-sens l-iskambju ta' e-mails bejn ir-raġel tal-appellanti u ċ-Ċermen tal-Bord fid-dokument anness '__Dok MFE2'__);*

7. *Dejjem bla ħsara għar-raba' eċċezzjoni u b'żieda mal-eċċezzjoni ta' qabel din, ir-raġel tal-appellanti ma jista' jkollu l-ebda skuża valida li ma kienx jaf li l-applikazzjoni kellha ssir fl-isem tal-persuna li fuqha tkun reġistrata l-vettura. Kemm mit-tieni paragrafu ta' '__Taqsima A__' fuq il-formula '__VEH 007'__, kif ukoll f' '__Taqsima D'__ tal-istess applikazzjoni li hija ntestata bħala 'Owner Declaration', il-firmatarju tal-applikazzjoni huwa mġiegħel jiddikjara li "I also declare that the motor vehicle whose details appear in this application, __has been registered in my name__ for not less than twenty-four months prior to taking up my residence in Malta and __is still registered in my name__". Jiġi b'hekk li kien in-nuqqas serju tar-raġel tal-appellanti li, fl-aħjar ipotesi, naqas milli jaqra sewwa l-kontenut tal-applikazzjoni, bil-konsegwenza li wasal biex għamel dikjarazzjoni skorreta meta ddikjara li l-vettura ilha reġistrata f'ismu għal mhux anqas minn tnejn u għoxrin xahar qabel ma ittrasferixxa r-residenza tiegħu lejn Malta u li l-istess vettura għadha reġistrata f'ismu. Illi għalhekk anke fuq dan il-binarju biss, l-ewwel applikazzjoni ma setgħet qatt tiġi milqugħa u dan għaliex skont __Regolament 4(4)(d) tal-L.S. 368.01,__ l-eżenzjoni taħt subregola (1) ta' Regolament 4 "m'għandiex tingħata meta – (d) l-applikant jippreżenta dikjarazzjoni falza";*

8. *Illi huwa wkoll kontestat li l-appellanti "marret fil-pront sabiex tippreżenta l-applikazzjoni f'isimha bl-istess dokumenti annessi ma' l-ewwel applikazzjoni", u dan minnufih wara li żewġha ġie infurmat li l-applikazzjoni ma setgħetx issir f'ismu. Minn kif jirriżulta minn '__Dokument MFE2'__ li qed jiġi anness ma din ir-risposta, l-ewwel darba li r-raġel tal-appellanti ġie mgħarraf li l-applikazzjoni għall-eżenzjoni ma setgħetx issir f'ismu personali iżda f'isem is-sid reġistrat tal-vettura kienet nhar it-__23 ta' Ġunju 2021__, u ċioè __qabel ma skadew it-tletin jum__ minn meta l-vettura mertu tal-applikazzjoni in mertu ddaħlet f'Malta. Minn naħa l-oħra u minn kif jidher minn '__Dokument MFE3'__ li huwa kopja tal-applikazzjoni li ġiet preżentata f'isem l-appellanti (hawn imsejħa bħala 'it-Tieni Applikazzjoni'), l-appellanti ħalliet sat-__28__*

***ta' Lulju 2021** **u ċioè aktar minn xahar wara*** *biex marret fl-uffiċini tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta biex reġgħet issottomettiet l-applikazzjoni tagħha. Kien propju minħabba dan it-tkaxkir tas-saqajn minn naħa tal-appellanti li wassal lill-istess appellanti biex ma laħqitx preżentat l-applikazzjoni f'isimha fi żmien perentorju ta' tletin jum minn meta l-vettura ddaħlet f'Malta;*

9. *Illi lanqas ma huwa minnu li l-vettura in mertu "waslet" f'Malta fit-13 ta' Lulju 2021. Tali allegazzjoni tal-appellanti hija mxejjna minn ħarsa lejn '**Dokument MFE4'** li huwa kopja tal-Formula intitolata 'VEH 005 – Customs and Police Inspection Form to Be Used to Register a Used Vehicle Imported from Non-EU' fejn fl-ispazju 'Date of Arrival' ġiet imniżżla d-data tad-**29 ta' Mejju 2021**. Tali data hija mbagħad korroborata kemm minn '**Dokument MFE5'** li huwa kopja tan-'Notice of Arrival', kif ukoll minn xejn ħlief l-ewwel applikazzjoni li ssottometta r-raġel tal-appellanti u li fiha ddikjara li l-vettura waslet f'Malta fid-29 ta' Mejju 2021(ara '**Dokument MFE1'**);*

10. *Marbut sfiq mal-eċċezzjoni ta' qabel din, kliem **Regolament 4(3)(f) tal-L.S. 368.01** huwa pjuttost ċar u jirreferi "għall-ġurnata minn meta l-vettura tasal Malta". Bla ħsara għal dan, id-dokument li fuqu qed tistrieħ l-appellanti u ċioè **'Dokument F'** kif anness mar-rikors promotur, ma ġiex ippreżentat la mal-ewwel applikazzjoni u wisq anqas mat-tieni applikazzjoni, u b'hekk f'kull każ, l-appellanti ma tistax tippretendi li l-Bord kellu jikkunsidra dokumentazzjoni li ma ġietx preżentata quddiemu. Mingħajr ma hemm għalfejn jingħad, l-iskop ta' dawn il-proċeduri huwa li jsir stħarriġ dwar jekk bid-dokumentazzjoni u informazzjoni li kellu quddiemu, il-Bord wasalx biex ħa deċiżjoni tajba jew le. Għaldaqstant kwalunkwe dokumentazzjoni li ma ġietx sottomessa flimkien mal-applikazzjoni tal-eżenzjoni m'għandiex tiġi kunsidrata minn dan l-Onorabbli Tribunal;*

11. *Barra minn hekk, anke li kieku stess dan it-Tribunal kellu għas-saħħa tal-argument jaqbel mal-appellanti u jsib li l-Bord ma kellux jirrifjuta l-applikazzjoni in mertu a tenur ta' **Regolament 4(3)(f) tal-L.S. 368.01**, fl-istess waqt, dan it-Tribunal m'għandux jaqbad u jilqa' t-talbiet tal-appellanti hekk kif ġew imniżżla fir-rikors tal-appell. Dan qiegħed jintqal għaliex, fl-aħjar ipotesi, dak li jista' jagħmel l-aktar dan it-Tribunal huwa li jħassar id-deċiżjoni tal-Bord li permezz tagħha ċaħad l-applikazzjoni tal-appellanti abbażi ta' **Regolament 4(3)(f).** Jibqa' mbagħad fid-dmir u d-diskrezzjoni tal-Bord li jivverifika jekk l-applikazzjoni tal-appellanti tissodisfax ir-rekwiżiti l-oħra hekk kif stabbiliti taħt **Regolament 4(3) tal-L.S. 368.01**;*

*Għaldaqstant, l-esponent filwaqt li jżomm sħiħ id-dritt li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri kif permessi mill-liġi jgħaddi biex umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jogħġbu jiċħad it-talbiet kif imressqa fir-rikors tal-appell, bl-ispejjeż kontra l-appellanti;*

Ra illi l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tad-Direttur Ġenerali intimat ġew irtirati wara li t-Tribunal ordna l-korrezzjoni ta' isem l-ewwel intimat sabiex jiġi jaqra "Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol";

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell waqt is-seduta tat-8 ta' Mejju 2023;

Ra n-Noti ta' Sottomissjonijiet;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Bil-proċeduri odjerni r-rikorrenti qiegħda titlob li dan it-Tribunal jirrevedi d-deċiżjoni notifikata lilha b'ittra datata 25 ta' Frar 2022 mit-*Transf*er of *Residence Exemption Board* (aktar 'l isfel "il-Bord") fi ħdan il-Ministru intimat permezz ta' liema ġiet mgħarrfa bis-segwenti:-

*"Reference is made to your application for an exemption under article 19 of the Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Cap. 368) (Transfer of Residence) and Regulation 4 of the Exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rule (S.L. 368.01).*

*Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms Subsidiary Legislation 368.01 under rule 4 (3) (f) which stipulates that "where the person has transferred his residence to Malta and the vehicle has not yet arrived in Malta, the application for exemption is to be made within thirty days from the arrival of the vehicle in Malta."*[2]

Illi mill-atti a fol. 40 *et sequitur* tal-proċess jirriżulta illi fit-8 ta' Ġunju 2021 ċertu Zoltan Biro`, li jirriżulta li huwa r-raġel tar-rikorrenti, issottometta applikazzjoni għall-eżenzjoni mit-taxxa ta' reġistrazzjoni fejn iddikjara li ħa r-residenza tiegħu f'Malta fil-21 ta' Mejju 2021 u li l-vettura kienet waslet f'Malta fid-29 ta' Mejju 2021. Jirriżulta wkoll illi ddikjara li l-vettura ġiet reġistrata f'ismu f'Settembru 2007.

Illi fis-16 ta' Ġunju 2021 iċ-Chairperson tal-Bord bagħat emejl lil Zlotan Biro` fejn infurmawh li l-Bord kien irċieva l-applikazzjoni u ġie rikjest jissottometti kopja tal-*log book* tal-vettura u evidenza li kien jgħix barra minn Malta għal perjodu ta' mill-inqas erbgħa u għoxrin xahar.[3] Zlotan Biro` forna l-istess dokumenti permezz ta' emejl datata 16 ta' Ġunju 2021 fejn informa lill-Bord li ma kellux *log book* pero` kellu *Certificate of Conformity* li kien jintuża bħala sostitut uffiċjali għal-*log book*. Madanakollu l-Bord ġibidlu l-attenzjoni li l-imsemmi dokument ma kienx jinkludi d-dettalji personali tiegħu u meta l-vettura kienet ġiet

[2] A fol. 25
[3] Emejl a fol. 74

reġistrata fuq ismu.[4] Fit-23 ta' Ġunju 2021, Zlotan Biro` informa lill-Bord li l-vettura qatt ma kienet reġistrata fuq ismu iżda fuq isem martu.[5] Il-Bord da parti tiegħu infurmah li ladarba l-vettura kienet reġistrata fuq isem martu ma setgħux jaċċettaw l-applikazzjoni tiegħu. Infurmah ukoll illi l-applikazzjoni trid tkun f'isem martu, li kien hemm bżonn id-dokument ta' reġistrazzjoni tal-vettura f'isem martu u d-dokumenti l-oħra kollha f'isem martu. Illi Zlotan Biro` irtira l-applikazzjoni tiegħu. Fid-9 ta' Lulju 2021 Zlotan Biro` bagħat emejl lill-Bord bit-Tax ID ta' martu.[6] Fl-istess ġurnata il-Bord staqsa lil Zlotan Biro` jekk il-mara tiegħu kinitx issottomettiet applikazzjoni f'isimha. Għal din l-emejl irrisponda ċertu Keith Sultana li informa lill-Bord li kien se jiggwida lil Zlotan Biro` jerġa' japplika taħt isem martu.

Jirriżulta illi r-rikorrenti ppreżentat applikazzjoni fil-23 ta' Lulju 2021[7] fejn iddikjarat li kienet fil-proċess li tibda tirrisjedi hawn Malta u li l-vettura waslet hawn Malta fid-29 ta' Mejju 2021 u li ġiet rilaxxata fis-16 ta' Lulju 2021.

In kontro-eżami r-rikorrent xehdet illi hija qatt ma applikat għal permess ta' residenza f'Malta.

**Ikkunsidra**:

Illi t-Tribunal se jitratta l-ewwel u qabel kollox l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita` għat-Trasport f'Malta li permezz tagħha eċċepiet li hi mhix il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri.

Illi t-Tribunal jirrileva illi huwa ċar li l-Awtorita` għat-Trasport f'Malta u l-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol huma żewġ entitajiet separati u distinti minn xulxin. L-entita` li skond il-Liġi hija mogħnija bil-poter li takkorda l-eżenzjoni mit-taxxa tar-reġistrazzjoni ta' vetturi huwa l-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, liema poter ġie delegat lit-*Transfer of Residence Exemption Board* permezz ta' Artikolu 19 (2) (d) tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta u Regolament 10 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01. L-Awtorita` għat-Trasport f'Malta m'għandha l-ebda poter tiddeċiedi jekk vettura tikkwalifikax jew le għall-eżenzjoni, pero` l-istess Awtorita` trid timxi abbażi ta' dak deċiż mill-imsemmi Bord. Għaldaqstant, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Awtorita` intimata

[4] Emejl tas-17 ta' Ġunju 2021 a fol. 73
[5] A fol. 71
[6] A fol. 68
[7] Ara akcnowledgement a fol. 20

għandha raġun fl-ewwel eċċezzjoni tagħha u għalhekk se jilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju.

Illi għalhekk it-Tribunal se jinvesti l-mertu tal-kwistjoni.

Illi ai termini tar-Regolament 4 (3) (f) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01 (Regoli Dwar Eżenzjoni Mit-Taxxa Tar-Reġistrazzjoni Ta' Vetturi Bil-Mutur):-

***"(3) Biex vettura tkun tista' tikkwalifika għall-eżenzjoni taħt is-subregola (1):***

…

***(f) meta l-persuna tkun ittrasferiet ir-residenza tagħha lejn Malta u l-vettura tkun għadha ma waslitx Malta, l-applikazzjoni għall-eżenzjoni għandha ssir fi żmien tletin ġurnata minn meta l-vettura tasal Malta."***

Illi l-applikazzjoni tar-rikorrenti ġiet miċħuda peress li fid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni kienu laħqu għaddew iktar minn tletin (30) ġurnata minn meta l-vettura kienet waslet Malta. Mill-provi jirriżulta illi l-vettura waslet Malta fid-**29 ta' Mejju 2021,** u dan kif *del resto* dikjarat minn Zlotan Biro` fil-*Customs and Police Inspection Form* a fol. 107. Kwindi r-rikorrenti kellha sat-28 ta' Ġunju 2021 sabiex tapplika għall-eżenzjoni. Jirriżulta pero`, li fit-8 ta' Ġunju 2021 applika għall-eżenzjoni r-raġel tagħha, Zlotan Biro`, anke jekk huwa ma kienx is-sid reġisrat tal-vettura in kwistjoni. Fit-23 ta' Ġunju 2021 il-Bord ġibed l-attenzjoni lir-raġel tar-rikorrenti li l-applikazzjoni tiegħu ma setgħetx tiġi aċċettata stante li ma kienx huwa s-sid tal-vettura. Illi minkejja dan, ir-rikorrenti ssottomettiet applikazzjoni oħra fit-**28 ta' Lulju 2021.**

Illi l-Bord għalhekk irrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrenti stante li ġiet sottomessa iktar minn tletin (30) ġurnata minn meta l-vettura waslet hawn Malta. Illi t-Tribunal jinnota illi meta l-Bord ġibed l-attenzjoni ta' Zlotan Biro` dwar il-fatt li ma kienx sid il-vettura, it-tletin (30) ġurnata kienu għadhom ma għaddewx. Nonostante dan ir-rikorrenti ppreżentat l-applikazzjoni xahar wara li iddekorra t-terminu ta' tletin (30) ġurnata.

Illi t-Tribunal josserva illi l-liġi hija waħda ċara, apparti li l-formula nnifisha tal-applikazzjoni tiggwida lill-applikanti min hu eliġibbli li jingħata l-eżenzjoni mit-taxxa ta' reġistrazzjoni. Di fatti fuq il-faċċata tal-applikazzjoni hemm miktub hekk:

***Any person transferring his/her residence from a place outside Malta to a place in Malta** is entitled, under the Motor Vehicles Registration and Licensing Act (Cap. 368), to an exemption from Motor Vehicle Registration Tax on an M1 vehicle (a vehicle used for the carriage of not more than eight passengers in addition to the driver) or a cycle (motor cycles, motor tricycles and quadricycles) which has been registered in the name of that person for a continuous period of at least twenty-four months immediately before the date of his/her transfer of residence to Malta and is still so registered when the vehicle is imported or brought into Malta. That person should also have lived outside Malta for a continuous period of at least twenty-four months immediately before transferring his/her residence to Malta.*

***"transfer of residence" means the actual transfer of the normal residence of a person from a place outside Malta to a place in Malta with the date being the date of issue of the Residence Document or the date as declared with the Commissioner for Revenue in the case of Maltese applicants.***[8]

Illi, iktar minn hekk, fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2023, **ir-rikorrenti ddikjarat illi hija kienet għadha ma applikatx għal permess ta' residenza.** Illi abbażi ta' dan il-fatt biss, il-Bord kellu jirrifjuta immedjatament l-applikazzjoni tar-rikorrenti stante li huwa tassattiv li applikant ikun ittrasferixxa r-residenza tiegħu lejn Malta biex jibbenefika mill-eżenzjoni. F'każ ta' applikanti mhux Maltin, il-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01 trid li dan it-trasferiment ikun evidenzjat **bil-ħruġ ta' Dokument ta' Residenza.** Illi sal-ġurnata li fiha xehdet ir-rikorrenti quddiem dan it-Tribunal, u ċioe` sad-9 ta' Marzu 2023, ma jirriżultax li kellha dan id-dokument għaliex kienet għadha ma applikatx għalih. Illi għalhekk fil-fehma tat-Tribunal, ir-rikorrenti ma kienet qatt eliġibbli li tapplika għall-eżenzjoni ladarba, fil-mument li ssottomettiet l-applikazzjoni tagħha, ma kinitx applikat sabiex tikseb Dokument ta' Residenza.

Illi fil-kwadru ta' dan kollu, fl-opinjoni tat-Tribunal, il-Bord kellu jibda biex jiċħad l-applikazzjoni abbażi tal-fatt li r-rikorrenti ma pproduċiet ebda prova ta' meta ttrasferiet ir-residenza tagħha hawn Malta, u dana għaliex fil-verita` qatt ma applikat għal Dokument ta' Residenza. Illi għaldaqstant id-deċiżjoni tal-Bord hija essenzjalment waħda żbaljata, fis-sens illi huwa ma setax jibbaża r-raġuni tiegħu fuq id-dekorrenza tat-tletin (30) ġurnata għaliex dan it-terminu jiskatta biss jekk il-vettura tkun waslet hawn Malta wara li l-applikant ikun ittrasferixxa r-residenza tiegħu hawn Malta. F'dan il-każ tali trasferiment ma seħħx, u kwindi lanqas per konsegwenza skatta t-terminu tat-tletin (30) ġurnata.

Illi madanakollu xorta waħda, għar-raġunijiet spejgati iktar 'il fuq, ir-rikorrenti m'għandhiex raġun fl-aggravji mressqa minnha u għaldaqstant

[8] A fol. 77 – il-kliem b'tipa grassa qiegħed jiġi enfasizzat mit-Tribunal

l-appell se jkun qed jiġi miċħud. Illi t-Tribunal jirrileva li għalkemm fil-fehma tiegħu id-deċiżjoni appellata hija żbaljata, huwa ma jistax jannulla l-istess deċiżjoni fuq aggravji li ma jirriżultawx mill-korp tal-appell għaliex altrimenti d-deċiżjon tkun *extra petita*. Madanakollu anke li kieku d-deċiżjoni kellha tiġi revokata, xorta waħda r-rikorrenti, għar-raġunijiet imsemmija iktar 'il fuq, ma kinitx eliġibbli biex tapplika għall-eżenzjoni.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, it-Tribunal, qiegħed jaqta' u jiddeċiedi, billi fl-ewwel lok jilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita` għat-Trasport f'Malta u jilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju, jiċħad l-appell tar-rikorrenti fit-termini hawn fuq enunċjati, u konsegwentement, filwaqt li jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-Ministru intimat, jilqa' l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-istess Ministru.

In vista taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet ħlief għall-ispejjeż tal-Awtorita` għat-Trasport f'Malta li għandhom ikunu a karigu tarr-rikorrenti.

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**